MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 89/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER MIRUZZI**

**VS**

**JASON GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jason Grima, ta' 29 sena, bin Joseph u Concetta nee' Zahra, imwieled Attard nhar it-8 ta' Settembru, 1972, residenti fil-fond numru 9, Ghajn Kajjet, Bini tal-Gvern, Rabat (Malta), u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 376372 (M);

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Jannar, 2002, wara nofs in-nhar, fir-riserva tal-Buskett attakka, jew ghamel rezistenza bi vjolenza, jew b'hebb ta' kull xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, PC

1093 James Cardona, u PC 800 Jason Mercieca, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta’ qabel l-Artikiolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, PC 800 Jason Mercieca, u PC 1093 James Cardona waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkonstanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Mirruzi, PC 800 Jason Mercieca, u PC 1093 James Cardona jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jhedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa’ taht id-disposizzjonijiet ohra tal-Kapitolu 9, Kodici Kriminali, jew ta’ ligi ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u fil-granet ta’ qabel kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu, xi arma tan-nar, munizzjoni, decoys, xbieki jew xi mezz iehor biex tikkaccja jew jiehu ghasafar jew il-fenek selvagg f’riserva naturali, u dan bi ksur tar-Regolament 21 (1) (c) tal-Avviz Legali 146-1993;

U fl-ahharnett talli fir-Rabat, Malta, fil-15 ta’ Jannar, 2002, u kif ukoll fil-granet ta’ qabel din id-data kellu ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom ma tidhirx fl-iskeda I, II, jew III li jinsabu mir-Regolamenti tal-1993 dwar il-Harsien tal-Ghasafar u Fenek Selvagg li ma humiex registrati mad-Dipartiment tal-Harsien tal-Ambjent, u dan bi ksur tar-Regolament 17 tal-Avviz Legali 23/1997.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;
L- Artikolu 96 tal-Kapitolu 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;
L- Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;
Ir-Regolament 21 (1)(c) tal-Avviz Legali 146/1993;
U kif ukoll Regolament 17 tal-Avviz Legali 146/1993, kif emendat Avviz Legali 23/1997.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Jason Grima hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) akkuzi migjuba kontrieh u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Issibu wkoll hati tar-raba’ (4) u l-hames (5) akkuzi migjuba kontrieh u tikkundannah ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ tlitt mitt lira maltin (Lm300.00), u tordna wkoll konfiska tal-oggetti ezebiti fl-atti ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------